# IL-BELT VALLETTA... STORJA TA



Dr. Simon Mercieca



**Waħda mill-istampi, imsejħa '*bird eye views*', tal-Port il-Kbir. Juruh bħala konglumerazzjoni urbana waħda. L-artisti kienu jimmaġinaw li qed jaraw lill-Belt Valletta u t-tlett ibliet bħall-għasafar. Għalihom kienu jidhru bħala belt waħda.**

Il-qawwiet Franċiżi tal-Gvern Repubblikan meta ħadu Malta fl-1798 ikkreaw belt kapitali ġdida li baqgħet magħna sal-lum. Ħadd għadu ma pprova jisfida din l-istruttura falza li se tkun il-kawża biex il-Belt Valletta titlef l-eternità marittima u Agostinjana tagħha.

Dak li qed ikun iċċelebrat illum fir-rigward tal-Belt Valletta hu wieħed mill-ikbar '*misnomers*' f'dik li hija l-istorja urbana ta' pajjiżna. Il-Belt Valletta nbniet bħala belt Kristjana u marittima.

B'dispjaċir wieħed ikollu jgħid li dan il-ħsieb Kristjan u marittimu hu nieqes għalkollox f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. B'ċelebrazzjonijiet marittimi u Kristjani mhux qed nifhem regatti u quddies, iżda stħarriġ tal-kunċetti filosofiċi u antropoloġiċi li għamlu mill-Belt Valletta, belt il-baħar.

## Fidi u baħar

Il-predikatur li għamel id-diskors kommemorattiv tat-tqegħid tal-ewwel ġebla fl-1566 kien bassar li din il-belt setgħet biss tirnexxi jekk is-sisien tagħha jibnew fuq it-trattat filosofiku tal-belt ta' Alla u l-baħar. Bħala patri Agostinjan, il-predikatur Spiro Pelo Angosciola ra l-Belt Valletta mill-ħsieb ta' Santu Wistin. Għal Santu Wistin dak li ma kienx etern ma kienx importanti. L-eternità tal-Belt Valletta setgħet tintlaħaq biss permezz tal-kultura Kristjana skont kif mifhuma minn dan il-filosfu Kristjan u mill-ġeografija tal-Baħar Mediterran.

Dun Karm, ħassieb ieħor li ħabb lil Santu Wistin, sejjaħ lill-baħar żagħżugħ ta' dejjem. Dan ifisser li l-eternità tal-Belt Valletta tispiċċa hekk kif din il-lokalità titlef 'l Alla ta' Santu Wistin u l-baħar.

Mill-1566, kull arkitett li tqabbad mill-Ordni ta' San Ġwann mexa fuq dan il-ħsieb ta' Patri Angosciola. Inbniet belt mimlija kunventi u knejjes, tħares lejn il-baħar. Mhux ta' b'xejn li l-ewwel żewġ knejjes, artali, ġew iddedikati lill-Madonna tal-baħħara bħalma kienet dik ta' Porto Salvo jew ta' Trapani.

Wieħed irid jiftakar li għall-baħħara, il-baħar kien żaqqu ratba u rasu iebsa. L-istabbiltà tal-art dejjem kienet isbaħ. Għalhekk riedu li meta jkunu ħerġin jew deħlin mill-port, iħossuhom bħallikieku kienu ħerġin jew deħlin fil-belt ta' Alla. Kienet din il-filosofija Agostinjana li għenet lill-Belt Valletta u l-bliet tal-Kottonera biex jinbnew kif inbnew, jiġifieri bliet mibnija minn baħħara umli li xtaqu li jgawdu lil djarhom anki minn fuq il-baħar. Santu Wistin stess jgħid li jekk trid li l-belt tiegħek tilħaq sħab is-sema, ara li s-sisien tagħha jkunu mibnija fuq l-umiltà. Minn hawn ġej l-istess *motto* tal-Belt Valletta – umilissima.

Prova ta' dan kollu tinsab fil-fatt li d-daħla ta' Bieb il-Belt kienet sekondarja tant li lanqas għandna disinn tajjeb tal-ewwel bieb tagħha. Ħadd ma kellu interess nostalġiku li jfakkar l-istorja tiegħu. Dak li fadal hu *sketch* ħafif. Bħall-belt tal-Birgu, il-Belt Valletta spiċċat bi tliet bibien, jiġifieri l-ewwel bieb ikun Bieb il-Bombi, it-tieni wieħed Bieb Sant'Anna u t-tielet wieħed Bieb il-Belt. Dawn kienu l-bibien tal-kampanja. Għall-Kavallieri, din il-belt il-ġdida riedet tħares lejn il-baħar għaliex il-baħar kien jgħaqqad lil Malta mad-dinja u ma' ċentri urbani oħra tal-port.

## Belt kapitali ikbar minn tal-lum

Għalhekk, kontra dak li jingħad fil-kotba tal-istorja, il-Birgu ma spiċċatx minn belt kapitali wara t-twaqqif tal-Belt Valletta fl-1566.

Mal-Birgu żdiedet il-Belt Valletta u żewġt ibliet oħra, jiġifieri dawk ta' Bormla u Senglea u magħhom tidħol il-Furjana. Il-baħar tal-Port il-Kbir isir l-element etern li jgħaqqad dawn il-bliet kollha u jagħmilhom waħda. Bħalma kien jiġri f'Venezja u fi bliet marittimi oħra, id-dgħajjes kienu jgħaqqduhom flimkien.

Bir-raġun, numru ta' dokumenti tas-



Il-predikatur Spiro Pelo Angosciola ra l-Belt Valletta mill-ħsieb ta' Santu Wistin

seklu 18 jitkellmu dwar il-belt kapitali tagħna magħmula mill-Belt Valletta flimkien mal-Birgu, Bormla, Senglea u l-Furjana.

Fi kliem sempliċi, dawn kienu qed jitqiesu bħala spazju urban wieħed. Għall-Kavallieri ta' San Ġwann, dawn kienu post wieħed komuni. Dan jispjega għala Porta del Monte (illum Victoria Gate) kien l-aktar bieb importanti tal-Belt Valletta fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Tant hu hekk, li hu l-aktar bieb li ġie mpitter mill-pitturi tas-seklu tmintax, fosthom Louis Ducro (1748-1810). F'dan iż-żmien ukoll jibdew jidhru stampi, imsejħa '*bird eye views*', tal-Port il-Kbir. Juruh bħala konglumerazzjoni urbana waħda. L-artisti kienu jimmaġinaw li qed jaraw lill-Belt Valletta u t-tlett ibliet bħall-għasafar. Għalihom kienu jidhru bħala belt waħda.

Kienu l-qawwiet Franċiżi tal-Gvern Repubblikan li farrku din l-istruttura meta ħadu Malta fl-1798. Minflok ikkreaw belt kapitali ġdida li baqgħet magħna sal-lum. Ħadd għadu ma pprova jisfida din l-istruttura falza li se tkun il-kawża biex il-Belt Valletta titlef l-eternità marittima u Agostinjana tagħha.

Il-forzi Repubblikani mmexxija minn Napuljun Bonaparte qatt ma kienu forzi tal-baħar. Tant hu hekk, li Bonaparte ħalla warajh ġeneral u mhux ammirall fit-tmexxija ta' Malta. Claude-Henri Belgrand de Vaubois ippretenda li seta' jmexxi lill-gżira bħalma kien imexxi xi truppa suldati. Iżda arralu.

Sab quddiemu nazzjon ta' baħħara u dawn ma setgħux jitmexxew bħal xi ċorma suldati illitterati. Ir-riżultat kulħadd jaf x'kien. Fuq quddiem se jkun hemm baħħara, fosthom Gugliermo Lorenzi, li mexxew lill-Maltin tal-bliet kontra l-Franċiżi. Ta' baħħar ta' veru, Gugliermo Lorenzi qatt ma ttradixxa lil ħutu l-Maltin.

F'termini politiċi, Vaubois qasam lil Malta f'distretti. Ikun f'dan il-mument li tinħoloq il-Belt Valletta, meta Bormla, il-Birgu u l-Isla ma jibqgħux jagħmlu parti minnha. Minflok jinħolqu żewġ distretti politiċi indipendenti minn xulxin, aspett li se jibqa' jikkaratterizza l-urbanizzazzjoni tal-Belt Valletta sal-ġurnata tal-lum.

# TEOLOĠIJA AGOSTINJANA

**Mudell industrijali ta' żvilupp**

Dak li salva lill-Ingliżi fl-ewwel 14-il sena tagħhom fil-gżira kien il-fatt li Malta tmexxiet minn Alexander Ball li kien baħri. Wara l-Kungress ta' Vjenna, l-Ingliżi se jagħmlu bħal sħabhom il-Franċiżi u bdew jamministraw lill-gżira minn sensiela ta' ġenerali li kellhom l-istess *forma mentis* ta' Vaubois. L-eċċezzjoni tkun Moore O'Farrell għaliex kien Gvernatur Ċivili. B'hekk l-Ingliżi komplew jaraw lil Malta bħala *barracks* militari u l-Belt Valletta bħala r-ras militari tagħhom.

Fuq kollox, l-Ingliżi ma kellhomx interess li jsaħħu l-kunċett marittimu ta' Malta, anzi ħadmu politika biex idgħajfu l-importanza marittima tal-gżira. Dan jispjega għala l-parti tal-belt li tħares lejn il-kampanja tieħu importanza akbar matul il-perjodu Ingliż u tliet bibien tal-belt jibdew jidhru fuq pitturi u 'l quddiem isiru oġġett ta' interess fotografiku. Dan kollu kien ġej minn popolazzjoni li kienet qed tikber, waqt li *Pax Brittanica* ma kellhiex aktar bżonn ta' bibien biex iżżomm l-għadu 'l bogħod mill-Belt Valletta. Minflok kienu meħtieġa fetħiet ġodda biex, kif kiteb Brigilla fuq il-bieb il-ġdid li sar għall-Bombi, il-poplu jisserva aħjar jew "*ad majorem popoli comoditatem*".

It-tkabbir demografiku ta' żmien l-Ingliżi wassal biex żviluppaw ċentri urbani madwar il-port, iżda dawn mhux se jsegwu l-morfoloġija tal-baħar, bħalma kien jiġri fi żmien il-Barokk. Il-morfoloġija predominanti Ingliża se tkun ispirata mill-kampanja u d-dinja rurali Ingliża li kienet għaddejja minn proċess ta' industrijalizzazzjoni. Fi kliem sempliċi, l-arkitetti taħt l-Ingliżi ma kellhomx aktar il-baħar Mediterranju biex jispirahom huma u ġejjin lura minn barra.

Minflok, kellhom bliet rurali Ingliżi li matul is-seklu dsatax bdew isiru ċentri industrijali. Dawn se jispiraw l-arkitettura ġdida ta' Malta mis-seklu dsatax 'il quddiem. Din se toħloq dikotonomija fi żvilupp urban u naħseb li bħala nazzjon għadna ma nqtajniex mill-metafora Barokka għaliex din kienet l-aħħar metafora ergonomika li għaqqditna mal-baħar ta' madwarna.

**It-triq 'il quddiem**

Jekk verament irridu li l-Belt Valletta terġa' tiskopri l-eternità Agostinjana tagħha, irridu nagħmlu dak li filosfu Franċiż, Jacques Derrida, saħaq dwaru, jiġifieri nwaqqgħu l-ideat li bnejna mill-perjodu Franċiż sa issa (*deconstruction*) biex nibnu metafora urbana ġdida. Kif jgħid l-istess Santu Wistin, biex belt il-bniedem tqum fuq saqajha, l-ewwel ma trid tagħmel hu li titbaxxa u ssir "umilissima". Iżda dan ma hux faċli.

Tmiem il-kolonjaliżmu fil-Mediterran reġa' ġab lill-baħar fuq quddiem fix-xena politika, ekonomika u soċjali. Il-baħar ma għadux ikrah. Sar sabiħ, tant li David Abulafia sejjaħ lill-Mediterran tal-lum bħala post ix-xemx u l-bikini. Il-problema tinsab li meta erġajna skoprejna l-baħar, wara li konna tlifna l-kuntatt miegħu matul il-perjodu kolonjali, waqajna f'nostalġija perikoluża ħafna.

Illum, l-interess hu li wieħed imur joqgħod fil-bliet tal-port biex mill-art iħares lejn il-baħar u mhux biex ikun jista' jara d-dar mill-pruwa ta' xi bastiment huwa u jirritorna lejn artu. Kienet din il-'*one way view*' li għamlet l-iżvilupp fuq l-art ta' madwar il-port dak li hu llum – liminali u kerrah.

B'hekk jekk il-politiku Malti jrid jerġa' jqajjem lill-Belt Valletta, irid jieqaf iħares lejha minn dan il-kondizzjonament kolonjali. Minflok, irid ifittex fil-baħar dak it-tessut li kien jagħmel lill-belt kapitali tagħna '*città umilissima*' li setgħet tiftaħar li kienet ukoll '*conspicua*' għaliex kellha l-baħar li jgħaqqadha mad-dinja u l-bliet l-oħra tal-port. Bħal fidi, il-baħar biss hu etern. F'din l-eternità, il-Belt Valletta tista' terġa' ssib il-metafora artistika tagħha. Din l-eternità mhix nostalġija għat-tradizzjonijiet passati li mhuma se jwassluna mkien, iżda r-riċerka għal dik is-sbuħija Agostinjana, li daqskemm hija qadima, daqshekk ieħor hija ġdida. Ir-riċerka ta' din l-umiltà eterna, li jipproponilna Santu Wistin, trid titlaq mill-istess passat storiku tal-belt kapitali tagħna – ta' meta din kienet tinkludi l-bliet l-oħra tal-port u minn hawn tinbena realtà urbana ġdida fuq il-popolazzjoni umli li għadha tgħix madwar il-port.




**Kontra dak li jingħad fil-kotba tal-istorja, il-Birgu ma spiċċatx minn belt kapitali wara t-twaqqif tal-Belt Valletta fl-1566. Mal-Birgu żdiedet il-Belt Valletta u żewġt ibliet oħra; dawk ta' Bormla u Senglea u magħhom tidħol il-Furjana. Il-baħar tal-Port il-Kbir isir l-element etern li jgħaqqad dawn il-bliet kollha u jagħmilhom waħda. Bħalma kien jiġri f'Venezja u fi bliet marittimi oħra, id-dgħajjes kienu jgħaqqduhom flimkien**




**Dan hu dokument meħud minn AAM, Edicta (1770-1780), v. 11, f.30r.-v. Dan id-digriet kien ikopri lill-Belt, mitqiesha bħala distrett wieħed, jiġifieri "in queste città Vall[ett]a, Vittoriosa, Senglea e Burmola, e nella Floriana". Dan l-editt tal-Isqof Giovanni Pellerano maħruġ fil-bidu tar-Randan tal-1772. Fih jidher ċar li l-ibliettal-port huma migbura flimkien f'dak li fl-epoka moderna din it-tip ta' konglumerazzjoni tissejjaħ distrett. L-Insara ġew imħeġġa biex isumu u jeħdux laħam, bajd u latticini b'eċċezzjoni jkunu l-Ħdud u l-morda. Il-morda tal-ibliet tal-port kienu japplikaw għall-permess bil-miktub tal-Vigarju Ġenerali għaliex l-ibliet tal-port kienu jaqgħu taħtu. Dawk tal-kampanja u Għawdex kien taħt il-Vigarji Foronei, jiġifieri il-vigarji ta' barra għaliex ma kinux parti mill-ibliet. Fuq kollox, il-ħwienet tax-xorb tal-port kienu imwissija kif igibu ruħhom matul il-Ġimgħa Mqaddsa u fl-ottova tal-Għid, jiġifieri fl-ewwel ġimgħa fuq l-Għid fejn fost l-oħrajn kienu jeħlu multa ta' uncia jekk iħallu li jsir burdell matul dawn iż-żewġ ġimgħat imqaddsa u ma jżommux il-bieb tal-ħanut imbexxaq.**